MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Numru. 516/2006

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

David Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, David Vella, ta' Vella ta' 27 sena, iben Emmanuel u Rosemarie nee Farrugia, imwieled Pieta fit-18 ta' Lulju 1978 u joqghod 311, The Chimes, Triq Patri A Tonna Barthet, Pembroke, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 345478M fejn huwa gie mressaq talli fl-10 ta' Lulju, 2004 fil-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe car

stereo tal-marka Kenwood, misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, ghad-dannu ta' Edgar Busuttil miz-Zejtun u / jew persuni ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Lulju 2006 (a fol. 22 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-26 ta' April, 2007 *ai termini* ta' l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-26 ta' April 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hatj din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed isibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li r-refurtiva giet ritornata lill-viittma u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fol-kors tal-investigazzjonijiet u ammetta mal-ewwel l-involvimemt tieghu, Inoltre l-Qorti wara li semghat ix-xhieda ta' Ray Grech, li huwa rapprezentant tal-Caritas, fejn dan ikkonferma li l-imputat beda programm residenzjali sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga u li huwa qed

jaghmel [rpgress sodisfacenti u li piena karcerarja tistultifika il-progress kollu li sar, jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u dan nonsotante l-fatt li l-fedina penali tieghu (esebita a fol. 6 sa 20) hija pjuttost voluminuza u ghalhekk mhux ser tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel ordni ta' *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin David Vella ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. Li. huwa jkompli u jittermina il-programm residenzjali sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga.

3. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' David Vella kull sitt xhur bil-miktub.

4. David Vella ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------